**Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi**

(2017/C 185/08)

| | |
|---|---|
| **Relatur:** | Karl VANLOUWE (BE/EA), Membru tal-Parlament Fjamming u Senatur għar-Reġjun Fjamming |
| **Dokument ta' referenza:** | Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi<br><br>COM(2016) 377 final |

**RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI,

**Qafas ġenerali u prinċipji bażiċi**

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ([1]), li tfassal fuq l-isfond ta' soċjetà Ewropea li d-diversità tagħha qiegħda dejjem tikber kif ukoll il-ħtieġa li jiġu integrati bis-sħiħ f'din is-soċjetà; jenfasizza wkoll l-importanza tal-integrazzjoni, li hija proċess bidirezzjonali li jinvolvi kemm liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll lill-komunità ospitanti;

2. huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-integrazzjoni tiġi kkunsidrata bħala proċess dinamiku, interattiv u temporanju, li tippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jsiru kompletament parti mill-komunità ospitanti u li jħabirku biex jiksbu awtonomija sħiħa; jinkoraġġixxi wkoll interazzjoni mal-komunità ospitanti u parteċipazzjoni fiha;

3. jenfasizza li l-integrazzjoni hija kompetenza tal-Istati Membri, kif previst fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([2]), li jippermetti li jittieħdu miżuri fil-livell Ewropew biex jingħataw inċentivi u appoġġ sabiex l-Istati Membri jieħdu azzjoni bil-għan li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza legali fit-territorju tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' kull armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri; jappella biex isiru sforzi kontinwi għall-monitoraġġ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jfakkar li l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam għandhom ikunu skont l-acquis tal-UE inklużi l-prinċipji bażiċi komuni għall-integrazzjoni tal-immigranti fl-UE;

4. jinnota li l-implimentazzjoni tal-politika ta' integrazzjoni titwettaq qabel kollox fil-livelli politiċi li huma qrib taċ-ċittadin. Għalhekk huwa assolutament essenzjali li jintuża approċċ ta' governanza f'diversi livelli, fejn naturalment tingħata enfasi partikolari ħafna lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li huma dawn li jiffaċċjaw l-aktar direttament l-isfidi u l-perspettivi ta' integrazzjoni;

5. jenfasizza li fid-dibattitu politiku, huwa importanti li tintuża terminoloġija eżatta rigward id-diversi kategoriji tal-persuni li jkunu għadhom kif jaslu. Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri biss lil dawk li jkunu għadhom kif jaslu – kemm jekk ikunu migranti, refuġjati jew benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja – li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li għandhom residenza legali fl-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma jkoprix iċ-ċittadini ta' Stati Membri tal-UE li l-ġenituri jew in-nanniet tagħhom huma minn pajjiżi terzi, u lanqas dawk iċ-ċittadini tal-UE li eżerċitaw id-dritt tagħhom tal-moviment liberu u l-membri tal-familja tagħhom;

6. jenfasizza li l-integrazzjoni, bħala qasam ta' intervent politiku, ma tistax teżisti purament u sempliċement waħedha, iżda bħala definizzjoni tikkoinċidi l-oqsma differenti ta' azzjoni tradizzjonali tal-politika, bħalma huma l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-protezzjoni soċjali, is-saħħa pubblika, id-djar, eċċ., u li l-ideal huwa li tkun soġġetta għal implimentazzjoni orizzontali, fejn kull settur jieħu inkonsiderazzjoni l-isfidi u l-opportunitajiet li huma relatati mal-integrazzjoni;

7. jenfasizza li l-integrazzjoni hija proċess bidirezzjonali li trid titpoġġa f'qafas ta' drittijiet u obbligi, kemm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll għall-komunità ospitanti, li jeħtieġ li jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom;

(1) COM(2016) 377 final.
(2) Artikolu 79(4) tat-TFUE.

8. jirrimarka li idealment l-integrazzjoni tikkostitwixxi l-qofol ta' politika tal-asil u tal-migrazzjoni u li, b'riżultat ta' dan, il-Pjan ta' Azzjoni ma jistax jitqies indipendentement, fost oħrajn, mill-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ([3]) u l-qafas ġdid ta' sħubija ma' pajjiżi terzi taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-migrazzjoni ([4]);

9. peress li x-xogħol jagħti kontribut essenzjali għall-integrazzjoni soċjali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, jinnota wkoll ir-rabta mal-"Karta Blu", imsemmija fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni legali, fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg b'ħiliet għolja ([5]);

## L-isfidi u l-opportunitajiet tal-integrazzjoni

10. jikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni meta hija tqis li n-nuqqas ta' integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jirrappreżenta telf konsiderevoli, kemm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll għall-komunità ospitanti; l-ispiża soċjali u ekonomika tan-nuqqas ta' integrazzjoni tista' saħansitra teċċedi l-investiment meħtieġ fil-politika relatata, bil-potenzjalitajiet kollha li jirriżultaw;

11. huwa konvint li politika ta' integrazzjoni li tirnexxi hija waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi indirizzat l-livell relattivament baxx fil-kisbiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fir-rigward tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, id-dħul, l-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-involviment taċ-ċittadini u l-koeżjoni soċjali kif jidher mill-indikaturi tal-OECD ([6]);

12. jappoġġja l-Kummissjoni fis-sejħa tagħha għal aktar azzjoni li tkun speċifika skont il-każ, u dwar il-fehma tagħha li l-politika ta' integrazzjoni għandha bżonn tkun aktar attenta għad-diversità qawwija li teżisti fi ħdan gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-ħtiġijiet varji tagħhom. Politika tajba ta' integrazzjoni hija għalhekk ibbażata fuq id-differenzjazzjoni u mhux fuq approċċ uniformi. Hemm lok li jiġu kkunsidrati, fost fatturi oħrajn, il-ħiliet lingwistiċi, il-kuntest kulturali, il-livell ta' edukazzjoni, it-tul ta' soġġorn previst, ir-raġunijiet tal-migrazzjoni, il-kompetenzi, l-esperjenza professjonali, it-trawmi potenzjali mġarrba, eċċ. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'qagħda tajba biex jirrispondu għad-diversità kbira fost iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u jistgħu jipprovdu pjattaforma għall-iskambju tal-għarfien u l-esperjenza f'dan il-qasam. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Reġjuni jiġbed l-attenzjoni għall-aħjar prattiki mill-perspettiva tal-individwu bbażati fuq korsijiet għall-inklużjoni u l-integrazzjoni ċivika, imfassla sabiex jilħqu l-bżonnijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

13. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ([7]) jistqarru l-konvinzjoni li l-politika ta' integrazzjoni b'mod ġenerali u, b'mod partikolari, dik li għandha l-għan li r-refuġjati jiddaħħlu fis-suq tax-xogħol, ma jistgħux ikunu ta' detriment għall-azzjoni favur kategoriji oħra vulnerabbli fil-komunità ospitanti;

## Il-bini ta' soċjetà koeżiva

14. jenfasizza li s-soċjetà Ewropea hija bbażata fuq normi u valuri fundamentali bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tar-reliġjon, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, id-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà, it-tolleranza, eċċ., u jilqa' l-fatt li r-relazzjoni bejn l-integrazzjoni u n-normi u l-valuri msemmija hawn ġiet diskussa fid-djalogu dwar l-istat tad-dritt waqt il-Kunsill Ewropew dwar "Affarijiet Ġenerali" tal-24 ta' Mejju 2016 ([8]) u jappella lill-presidenzi tal-UE futuri (Malta, l-Estonja) biex ikomplu dan id-djalogu bl-għan li jiġi żviluppat fehim aktar fil-fond fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili dwar il-protezzjoni ta' dawn in-normi u l-valuri u dwar kif jistgħu jsiru element għall-integrazzjoni;

15. huwa konvint li sabiex l-integrazzjoni tkun tista' tirnexxi, huwa importanti ħafna li dawn il-valuri u normi Ewropej jiġu mifhuma u aċċettati, kemm minn ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll mill-komunità ospitanti. Din l-idea hija konsistenti mal-idea li huwa wkoll preferibbli li l-politika tal-integrazzjoni tkopri wkoll l-integrazzjoni ċivika u l-iżvilupp ta' spirtu kollettiv, u li għalhekk għandhom jiġu żviluppati għodod adatti għall-bini ta' fehim reċiproku u appoġġjati fil-livelli differenti b'appoġġ xieraq mil-livell Ewropew, inkluż permezz ta' edukazzjoni ċivika kemm b'korsijiet klassiċi kif ukoll b'formati ta' tagħlim innovattivi;

(3) COM(2016) 272 final; COM(2016) 270 final; u COM(2016) 271 final.
(4) COM(2016) 385 final.
(5) COM(2016) 378 final.
(6) Indikaturi tal-integrazzjoni tal-migranti 2015, *OECD* (2015).
(7) Nintegraw ir-refuġjati, iżda mhux askapitu tal-persuni l-aktar żvantaġġati, stqarrija għall-istampa tal-Parlament Ewropew, referenza: 20160530STO29645 (2016).
(8) Dokument uffiċjali tal-Presidenza fl-okkażjoni tal-Kunsill dwar "Affarijiet Ġenerali" tal-24 ta' Mejju 2016 – Djalogu dwar l-istat tad-dritt (13 ta' Mejju 2016).

16. jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati mekkaniżmi sabiex minn naħa, isaħħu s-solidarjetà u l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tal-UE kollha, u min-naħa l-oħra, tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn id-diversi amministrazzjonijiet u aġenti speċjalizzati. Is-sensibilizzazzjoni tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li għandhom ġurisdizzjoni fil-qasam tal-asil, tirrappreżenta sfida kbira;

17. jirreferi f'dan ir-rigward għall-prattiki tajbin tal-integrazzjoni ċivika fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu offruti korsijiet ta' orjentazzjoni soċjali biex jiġu familjarizzati b'mod interattiv man-normi u l-valuri Ewropej, u l-mod tal-għajxien fil-komunità ospitanti. L-għan huwa li jiġu appoġġjati fil-kisba tagħhom tal-għodod meħtieġa biex isiru membri parteċipanti b'mod sħiħ fis-soċjetà;

18. jissuġġerixxi li jiġu identifikati inizjattivi fl-Istati Membri differenti tal-UE fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jintalbu jiffirmaw dikjarazzjoni ta' impenn jew ta' parteċipazzjoni li fiha jissemmew, fost affarijiet oħra, in-normi u valuri fundamentali, u għandu jiġi analizzat kif dawn l-inizjattivi jinfluwenzaw is-soċjetà inkwistjoni, u r-riżultati u l-esperjenzi b'tali skemi għandhom jiġu kondiviżi sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minnhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali; jenfasizza wkoll li mhux biss iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, iżda anke l-popolazzjoni lokali għandha timpenja ruħha bis-sħiħ favur dawn in-normi u l-valuri fundamentali;

19. itenni li l-integrazzjoni hija proċess bidirezzjonali li fih il-pajjiż ospitanti għandu jaqdi r-rwol tiegħu wkoll. F'dan ir-rigward, is-soċjetajiet ospitanti jridu jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jsiru parteċipanti attivi billi jneħħu l-ostakli u jassiguraw li għandhom l-aċċess għal servizzi bażiċi. Iridu jorganizzaw ukoll il-proċess ta' integrazzjoni b'tali mod li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jsiru familjari mas-soċjetà li qed jgħixu fiha. Il-komunità ospitanti b'mod partikolari għandha rwol importanti fil-proċess ta' integrazzjoni fil-każ ta' migrazzjoni tal-familja. Qed nirriferu hawnhekk primarjament għall-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, iżda ma' ġenbhom, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, il-komunitajiet reliġjużi jew minoranzi etniċi fi ħdan il-komunità ospitanti huma wkoll imsieħba importanti għall-politika ta' integrazzjoni;

20. jinnota wkoll li dawn il-partijiet interessati differenti kollha għandhom ir-responsabbiltà li jħejju lill-komunità ospitanti għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u jħeġġuha taċċettahom, u jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza li jipprovdulha informazzjoni adegwata;

**Prijoritajiet politiċi ta' appoġġ għall-integrazzjoni**

*Miżuri relatati ma' qabel it-tluq/qabel il-wasla*

21. huwa konvint li huwa preferibbli li l-proċess ta' integrazzjoni jinbeda, jekk possibbli, malajr kemm jista' jkun, anke meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu għadhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom;

22. jinnota li sabiex wieħed jintegra tajjeb, huwa indispensabbli li jkun jaf il-lingwa tal-pajjiż ospitanti u li t-tagħlim ta' lingwa ġdida ta' spiss jeħtieġ ċertu żmien. Għaldaqstant, diversi Stati Membri tal-UE bħalissa jorganizzaw korsijiet jew evalwazzjonijiet lingwistiċi qabel il-wasla taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pajjiż ospitanti. B'hekk, jitqassar kemm jista' jkun iż-żmien li fih ċittadin ta' pajjiżi terzi jgħix f'dan l-Istat Membru mingħajr ma jkun jaf jesprimi ruħu bil-lingwa lokali, jew saħansitra ma jkunx hemm bżonn peress li jkun jaf il-lingwa diġà mal-wasla tiegħu, u din il-kapaċità tiffaċilita l-possibbiltajiet tiegħu għal interazzjoni mal-komunità ospitanti fil-livell lokali. Naturalment, dan m'għandux ikun kundizzjoni biex tingħata l-protezzjoni lir-refuġjati jew lill-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja;

23. jinnota li biex jintlaħaq approċċ imfassal apposta, l-intervisti għall-ammissjoni maċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma għodod meħtieġa biex jinftiehmu aħjar l-aspettattivi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll tas-soċjetà li tilqagħhom. Jekk possibbli, uħud minn dawn l-intervisti għandhom isiru diġà parzjalment fil-pajjiż ta' oriġini, sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jikkonċentraw bis-sħiħ fuq il-proċess ta' integrazzjoni mal-wasla tagħhom fil-komunità ospitanti;

24. jenfasizza l-importanza ta' miżuri ta' akkumpanjament bil-għan li, qabel il-wasla taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-komunitajiet ospitanti jiġu infurmati, b'mod partikolari f'dawk il-komunitajiet jiġu risistemati r-refuġjati;

*Edukazzjoni*

25. jilqa' l-enfasi li l-Kummissjoni tpoġġi fuq l-edukazzjoni, billi tirrappreżenta wieħed mill-oqsma ta' azzjoni essenzjali għat-twettiq ta' politika ta' integrazzjoni ta' suċċess, u jitlob li, f'dan il-qasam, jiġi rispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

26. jenfasizza li t-tagħlim tal-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ospitanti huwa prijorità sabiex iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u t-tfal tagħhom ikunu jistgħu, kemm jista' jkun malajr, jagħmlu kuntatti mal-komunità li tospitahom u biex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jwettqu l-obbligi tagħhom. Hawnhekk ukoll, huwa importanti li jittieħed approċċ edukattiv imfassal apposta, abbażi tal-profil taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

27. ifakkar dwar l-aħjar prattiki li jintużaw fl-edukazzjoni primarja u sekondarja għat-tagħlim dwar l-akkoljenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'lingwa materna differenti; l-isabbilimenti edukattivi huma kapaċi joffrulhom servizzi mfassla apposta, kemm billi jqiegħduhom fi klassijiet separati kif ukoll billi jipprovdulhom appoġġ addizzjonali fi klassijiet normali, jew ukoll taħlita ta' dawn iż-żewġ approċċi;

28. jenfasizza l-prattiki tajbin użati sabiex jingħelbu l-ostakli tal-lingwa. Dawn jinkludu l-użu ta' tradutturi u interpreti komunitarji fl-edukazzjoni, li jgħinu lill-għalliema u lill-edukaturi biex jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għad m'għandhomx għarfien attiv tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti jkunu madankollu kapaċi jagħmlu kuntatt mal-istabbilimenti skolastiċi fejn it-tfal tagħhom jirċievu taħriġ;

29. ifaħħar il-proposta tal-Kummissjoni li jiġu esplorati aktar x'inhuma l-possibilitajiet li fl-edukazzjoni sekondarja jiġu stabbiliti korsijiet ta' edukazzjoni ċivika, sabiex kulħadd jifhem il-liġi, il-kultura, in-normi u l-valuri tas-soċjetà; jissuġġerixxi li dan isir ukoll fit-taħriġ tal-adulti u t-taħriġ vokazzjonali;

30. jitlob li tingħata iżjed attenzjoni lill-grupp fil-mira taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma bejn is-16 u t-18-il sena, li spiss joqorbu lejn tmiem l-età tal-iskola obbligatorja mingħajr ma jkollhom, f'ħafna każi, l-għodod meħtieġa biex jibdew edukazzjoni vokazzjonali jew edukazzjoni għolja jew biex jirnexxielhom jidħlu fis-suq tax-xogħol;

*L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-aċċess għat-taħriġ professjonali*

31. jilqa' l-fatt li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol hija fost il-prijoritajiet tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jistabbilixxu ruħhom fis-soċjetà u jipparteċipaw fiha, fid-dawl tal-isfidi li jirriżultaw minn rata ta' impjieg ġeneralment iżjed baxxa taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi meta mqabbla mal-popolazzjoni mwielda fil-pajjiż ospitanti, speċjalment fil-każ tan-nisa ([9]);

32. jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi li permezz tagħhom iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkollhom aċċess malajr kemm jista' jkun għas-suq tax-xogħol, possibbilment permezz ta' internships kif ukoll ta' servizzi ta' orjentament u għajnuna legali. Dan jagħtihom il-possibbiltà li jipprattikaw il-lingwa permezz tal-kuntatti ma' kollegi fuq ix-xogħol, u b'dan il-mod joħolqu netwerks li jistgħu jwasslu għal impjieg u l-mezz tal-għajxien tagħhom;

33. jilqa' b'sodisfazzjon, fil-kuntest tal-integrazzjoni tas-sistemi tat-taħriġ u s-suq tax-xogħol, miżuri għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għaddew l-età tal-iskola biex jingħataw ċans ieħor biex jiksbu taħriġ vokazzjonali bażiku u jtejbu r-rieda tagħhom li jitgħallmu;

34. jemmen li l-migrazzjoni ekonomika tax-xogħol li tkun immirata tista' tgħin sabiex jintlaqgħu l-isfidi tat-tixjiħ tal-popolazzjoni attiva, il-ħtiġijiet speċifiċi ta' xogħol tal-id u l-pressjoni fuq l-iskemi ta' sigurtà soċjali tagħna, iżda jenfasizza li hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-akkoljenza tar-refuġjati u, flimkien magħha, l-integrazzjoni tagħhom, kif ukoll il-prinċipju ta' riunifikazzjoni tal-familja, huma qabel kollox fl-interess kemm tal-komunità ospitanti kif ukoll tal-migrant minbarra li huma bbażati fuq drittijiet fundamentali u obbligi internazzjonali, u nkunu qed nitqarrqu jekk inqisuhom bħala s-soluzzjoni għall-problemi tagħna tas-suq tax-xogħol;

35. jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' valutazzjoni u validazzjoni rapida u korretta tal-ħiliet u tal-kwalifiki, akkademiċi jew dawk miksuba minn taħriġ vokazzjonali, taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, peress li hija kwistjoni ta' prijorità li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol jew li jitħejjew permezz tat-taħriġ vokazzjonali. Il-Kumitat għalhekk jistenna, fost l-oħrajn, l-abbozzar tal-proposti tal-Kummissjoni taħt l-istrateġija l-ġdida tagħha dwar il-ħiliet għall-Ewropa ([10]);

([9]) Eurostat: Migrant integration in the EU labour market (2016).
([10]) COM(2016) 381 final.

36. jenfasizza, fir-rigward tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Karta Blu ([11]), li l-ekonomiji Ewropej assolutament jeħtieġu jattiraw persuni bi kwalifiki għoljin biex jimlew impjiegi vakanti ġenwini;

37. jilqa' l-laqgħa tas-Summit Soċjali Tripartitiku tas-16 ta' Marzu 2016 dwar il-kriżi tar-refuġjati iżda jitlob li l-kontribut tal-qasam tal-edukazzjoni għandu jitqies ukoll, minħabba li hija msieħba importanti li tista' tgħin biex isir progress fid-diskussjonijiet dwar l-integrazzjoni (fis-suq tax-xogħol);

*L-aċċess għal servizzi bażiċi*

38. jenfasizza għal darb'oħra li għandha tiġi stabbilita distinzjoni ċara bejn il-migranti (ekonomiċi) u r-refuġjati jew il-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, b'mod partikolari fid-dibattitu politiku dwar l-aċċess għas-servizzi bażiċi, peress li kull grupp jista' jkollu ħtiġijiet distinti, li jeħtieġu approċċ fundamentalment differenti; jenfasizza, madankollu, li l-ħtieġa li wieħed jippermetti l-integrazzjoni b'suċċess tirrigwarda ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE;

39. isostni li huma l-Istati Membri li għandhom ir-responsabilità li jibnu l-iskemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u jieħu nota tad-dibattitu politiku li f'diversi Stati jenfasizza l-prinċipju tal-assigurazzjoni u, għaldaqstant, iwassal biex jagħżlu li ċerti drittijiet soċjali jiġu miftuħa progressivament, inkluż għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, abbażi tal-kontribuzzjonijiet imħallsa;

40. jitlob li fir-rigward tal-kura tas-saħħa, tingħata attenzjoni akbar lid-dimensjoni tas-saħħa mentali, li tista' tkun ta' interess partikolari fil-każ tal-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' refuġjati li għexu esperjenzi ta' gwerra jew trawmi oħra, speċjalment fil-każ ta' tfal u żgħażagħ;

41. huwa konxju li l-Istati Membri għandhom id-dritt jesiġu li meta jaslu fil-komunitajiet ospitanti tagħhom, il-migranti li m'għandhom ebda dritt ta' protezzjoni taħt il-liġi internazzjonali jkunu jistgħu jmantnu lilhom infushom u għalhekk ma jkollhomx bżonn jużaw ix-xibka tas-sigurtà soċjali;

42. isostni li jeħtieġ li tingħata dejjem l-attenzjoni meħtieġa lill-akkomodazzjoni soċjali, minkejja l-fatt li l-inkwilini – humiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jew le – għandhom eventwalment isiru awtonomi, li jagħmilha possibbli li jsibu akkomodazzjoni fis-suq privat;

43. jinsab sodisfatt li l-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda politika ta' integrazzjoni ma tista' titwettaq b'detriment għal dawk li huma fil-mira tagħha jew ta' gruppi oħra vulnerabbli fil-komunità ospitanti;

*Il-parteċipazzjoni attiva u l-inklużjoni soċjali*

44. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li f'dan il-kapitolu tal-pjan ta' azzjoni tagħha, il-Kummissjoni tiffoka fuq iċ-ċittadinanza attiva, fejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jibqgħux f'dak l-istat għal dejjem iżda jsiru malajr kemm jista' jkun parti mill-komunitajiet ospitanti tagħhom, hi x'inhi n-nazzjonalità tagħhom, u għaldaqstant jirrakkomanda li mhux biss titwettaq politika ta' integrazzjoni iżda wkoll li tinħoloq integrazzjoni ċivika u jkun hemm sens ta' komunità;

45. jaqbel mal-Kummissjoni li l-integrazzjoni mhijiex biss li wieħed jitkellem il-lingwa tal-pajjiż ospitanti u li jsib impjieg iżda wkoll li jaqdi rwol attiv fil-komunità u s-soċjetà ċivili. Huwa b'mod partikolari għal din ir-raġuni li huwa importanti li l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma tiġix proposta jew meħtieġa biss minn personalitajiet politiċi iżda li s-s-soċjetà ċivili tkun involuta wkoll;

46. jemmen li minbarra t-tagħlim formali tal-lingwi uffiċjali tal-komunità ospitanti, il-kuntatti mas-soċjetà ċivili joffru liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ambjent informali li huwa meħtieġ biex jużaw u jipprattikaw dawn il-lingwi l-ġodda, b'tali mod li dawn jibdew jidraw jitkellmu l-lingwa f'sitwazzjonijiet reali;

47. huwa konvint, bħall-Kummissjoni, li l-involviment taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetà ċivili tal-komunità ospitanti tagħhom jistimula d-djalogu magħha u l-fehim reċiproku, u jiżgura li din taċċettahom b'mod aħjar u jservi ta' forza kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu;

48. jappoġġja l-Kummissjoni fis-sejħa tagħha lill-Istati Membri biex jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-razziżmu u jħeġġeġ sabiex jadottaw politika attiva ta' opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, bl-għan li titrawwem iċ-ċittadinanza kondiviża;

([11]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

**Għodod politiċi ta' appoġġ għall-integrazzjoni**

*Koordinazzjoni tal-politiki*

49. jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni li, fil-qafas tat-trasformazzjoni tan-netwerk eżistenti tal-punti ta' kuntatt nazzjonali dwar l-integrazzjoni f'netwerk Ewropew għall-integrazzjoni, tixtieq tagħmel aktar enfasi fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari fil-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

50. jitlob lill-Kummissjoni li n-netwerk Ewropew għall-integrazzjoni jsir pjattaforma li tħeġġeġ u tappoġġja l-azzjoni bbażata fuq il-kooperazzjoni u l-koresponsabbiltà tad-diversi livelli (nazzjonali, reġjonali u lokali) fid-definizzjoni tal-politiki ta' integrazzjoni u fil-koordinazzjoni u t-tqassim tas-setgħat ([12]);

*Finanzjament*

51. jiddispjaċih, mingħajr ma jikkontesta li hi kwistjoni ta' kompetenza tagħhom stess, li taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, l-Istati Membri allokaw inqas riżorsi għall-integrazzjoni permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), filwaqt li l-ħtiġijiet infatti żdiedu, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi attwali tal-migrazzjoni, tal-asil u dik umanitarja;

52. jinnota b'sodisfazzjon li fl-abbozz ta' baġit 2017, il-Kummissjoni qed timmira li żżid, permezz tal-AMIF, l-appoġġ finanzjarju li l-UE tagħti lill-Istati Membri dwar il-politiki ta' integrazzjoni;

53. jemmen li huwa neċessarju li jinstabu sinerġiji bejn il-fondi differenti tal-UE li jistgħu jappoġġjaw il-politika ta' integrazzjoni. Naturalment, dan jgħodd primarjament għall-AMIF, iżda ċerti proġetti ta' integrazzjoni ukoll għandhom ikunu jistgħu jitwettqu fil-qafas tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) ([13]);

54. iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra l-ħolqien ta' Objettiv Tematiku speċifiku dwar l-integrazzjoni fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020 sabiex tiġi żgurata konċentrazzjoni tar-riżorsi tal-Fondi SIE aktar effiċjenti u mmirata lejn proġetti ta' integrazzjoni. Fir-rigward tal-programmazzjoni 2014-2020, l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jingħataw aktar linji gwida, kemm jista' jkun ċari u dettaljati, dwar azzjonijiet fil-qasam tal-integrazzjoni li jistgħu jiġu finanzjati mill-Fondi SIE;

55. jitlob li jiġi żgurat bl-aktar mod sempliċi possibbli li l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili jressqu proposti għall-programmi nazzjonali tagħhom taħt id-diversi fondi u jilqa' għaldaqstant, fost oħrajn, il-proposta tal-Kummissjoni li ssir aktar enfasi fuq ir-rikors għall-mekkaniżmi ta' sħubija;

56. iħeġġeġ biex l-Interreg jintuża aktar u b'mod iżjed immirat biex jappoġġja proġetti ta' integrazzjoni, inkluż permezz ta' riformulazzjoni tar-regoli u l-prijoritajiet tal-programmi operattivi rilevanti. Jenfasizza r-rwol ċentrali li l-kooperazzjoni territorjali Ewropea tista' taqdi biex ittejjeb il-politiki ta' integrazzjoni, speċjalment fil-livell lokali, filwaqt li tħeġġeġ is-sinerġiji u l-iskambju ta' prattiki tajba;

57. jistieden lill-Kummissjoni tirrestrinġi l-kumplikazzjonijiet amministrattivi eċċessivi u l-burokrazija fil-mekkaniżmi ta' kontroll tal-fondi differenti tal-UE li għandhom jintużaw għal proġetti ta' integrazzjoni, bl-għan li l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu effettivament jużaw l-enerġija kollha tagħhom għall-politika ta' integrazzjoni fuq il-post, mingħajr ma jitwaqqfu b'kontrolli li huma stretti b'mod ġustifikat, li jiżguraw li l-fondi pubbliċi jintużaw b'mod effiċjenti;

58. jitlob lill-Kummissjoni li l-approċċ imfassal apposta li jesiġi l-politika ta' integrazzjoni jiġi wkoll estiż għall-mekkaniżmi ta' kontroll ta' fondi Ewropej differenti li jintużaw għal proġetti ta' integrazzjoni, mingħajr ma jaffetwa l-eżami rigoruż li jrid jitwettaq sabiex jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jiġu impenjati b'mod korrett;

([12]) Artikolu 79(4) tat-TFUE.

([13]) Synergies between the Asylum Migration and Integration Fund and other EU financial instruments in relation to asylum seekers and other migrants (Sinerġiji bejn il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u strumenti finanzjarji oħra tal-UE relatati ma' dawk li jfittxu l-ażil u migranti oħra), Kummissjoni Ewropea (2015).

**Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali**

59. jinnota mill-ġdid li l-politika ta' integrazzjoni fiha nnifisha hija implimentata prinċipalment fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li huma dawn li jiffaċċjaw l-iktar direttament l-isfidi u l-perspettivi relatati mal-integrazzjoni;

60. għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-bżonnijiet speċifiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tinvolvihom b'mod aktar estensiv milli fil-passat fil-politika ta' integrazzjoni mfassla, implimentata jew promossa fil-livell Ewropew u biex jingħataw il-massimu tal-appoġġ f'dan ir-rigward;

61. iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi u tappoġġa finanzjarjament lill-Istati Membri u lir-reġjuni fl-implimentazzjoni ta' interventi favur l-integrazzjoni, b'mod partikolari fil-proċessi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fl-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u tal-akkomodazzjoni, u biex jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajba diġà mwettqa mir-reġjuni li implimentaw miżuri ta' integrazzjoni, bħal akkomodazzjoni mifruxa;

62. jitlob li f'dan il-qafas, il-Kummissjoni tikkunsidrah bħala msieħeb privileġġjat bħala korp konsultattiv tal-UE magħmul minn rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali Ewropej, iżda wkoll li tħeġġeġ forom oħra ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-assoċjazzjonijiet tagħhom jew sħubijiet oħra, netwerks u pjattaformi, bħall-Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja, il-Konferenza tal-Awtoritajiet Reġjonali u Lokali għas-Sħubija tal-Lvant, il-kumitati konsultattivi konġunti, il-gruppi ta' ħidma, il-Konferenza tar-Reġjuni Periferiċi Marittimi tal-Ewropa, il-Kunsill tal-Muniċipalitajiet u r-Reġjuni Ewropej, eċċ., bl-għan li jinħoloq kontribut mill-aktar wiesa' possibbli tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

63. jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvih b'mod attiv fl-isforzi tagħha biex tappoġġja u taqsam, għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-aħjar prattiki speċifikament relatati mal-politika ta' integrazzjoni li jitwettqu qabel it-tluq jew il-wasla, kif ukoll rigward it-taħriġ, is-suq tax-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali, l-aċċess għas-servizzi bażiċi jew il-parteċipazzjoni attiva u l-inklużjoni soċjali, u jirreferi, b'mod partikolari f'dan ir-rigward, għall-istudju komparattiv li wettaq dwar il-politiki ta' integrazzjoni ([14]);

64. jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħmel progress fir-rigward tal-kwistjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fil-proċess tal-migrazzjoni, li l-ġestjoni tagħha hija fil-kompetenza ta' ċerti reġjuni, u jistidinha wkoll tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jaqsmu l-piżijiet u r-responsabbiltajiet bejn il-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Għaldaqstant, qed nistennew b'ħerqa l-istrateġija ġdida komprensiva tal-Kummissjoni, li għandha tiġi implimentata bħala segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Minorenni mhux Akkumpanjati (2010-2014), sabiex titqies is-sitwazzjoni tat-tfal nieqsa u mhux akkumpanjati;

65. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tagħmel referenza espliċita għan-netwerk Share, permezz tal-proġett tagħha "Share City Curriculum" ([15]), li permezz tiegħu l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom aċċess għal sensiela ta' għodod li jgħinuhom fir-rigward ta' miżuri li, matul ir-risistemazzjoni tar-refuġjati, huma indirizzati lill-komunità ospitanti;

66. jappella lill-Kummissjoni biex tipparteċipa b'mod attiv f'netwerk ġdid Ewropew għall-integrazzjoni, fil-Forum Ewropew dwar il-Migrazzjoni, fi sħubija għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi taħt il-programm urban għall-UE ([16]), kif ukoll fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ sussegwenti ta' "indikaturi tal-integrazzjoni".

Brussell, it-8 ta' Diċembru 2016.

*Il-President*
*tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Markku MARKKULA

([14]) Qafas Regolatorju dwar l-Impjiegi u l-Finanzjament għall-Politiki dwar il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni fl-UE, Unjoni Ewropea (2016).

([15]) http://resettlement.eu/sites/icmc.tttp.eu/files/Introduction%20City%20Curriculum.pdf

([16]) http://urbanagendaforthe.eu/partnerships/inclusion-of-migrants-and-refugees/.